MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Appell Civili Numru. 822/2005/1

**Bell Med Limited**

**v.**

**Pari Mutuel Urbain (PMU), entita estera**

**Il-Qorti**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici fis-7 ta' Settembru 2005 li tghid hekk:
"Peress illi s-socjeta` attrici hija socjeta` registrata f'Malta bis-sede taghha f'10, Triq ic-Cawsli, Hal-Qormi;

“Peress illi s-socjeta` attrici tipprovdi servizzi ta’, fost ohrajn, ambjent fejn diversi klijenti taghha jinstallaw apparat elettroniku taghhom relatat mal-kompjuters li mbaghad jigi ssorveljat mis-socjeta` protestanti;

“Peress illi l-operat tas-socjeta` attrici hija tali illi tipprovdi sorveljanza kontinwa ta’ dan l-apparat elettroniku flimkien ma’ manutenzjoni kontinwa ta’ l-istess b’tali mod pero` li ma jkollha ebda access, dirett jew indirett, la ghal dik il-parti nterna ta’ l-apparat fejn jigi mizmum l-informazzjoni u/jew data u wisq anqas ghall-informazzjoni jew data li hija mizmuma jew tkun qed tigi trasmessa tramite dan l-apparat[1];

“Peress illi ghalhekk ir-responsabbilta’ tas-socjeta` attrici hija ristretta ghal li tipprovdi ambjent adegwat sabiex go fih jinzamm dan l-apparat ta’ terzi u sabiex tassigura illi dan l-ambjent jibqa’ dejjem adegwat ghal tali apparat bhal per ezempju manutenzjoni tat-temperatura ta’ l-ambjent, tassigura servizz kontinwu ta’ elettriku, manutenzjoni ta’ sigurta’ stretta in kwantu ghall-access fiziku ghall-istess ambjent u servizz ta’ *connectivity;*

“Peress illi fost il-klijenti tas-socjeta` attrici hemm diversi socjetajiet Maltin li joffru servizzi ta’ *remote gaming;*

“Peress illi dawn is-servizzi ta’ *remote gaming* huma regolati mill-Awtorita` tal-Lotteriji u Loghob ta’ Malta;

“Peress illi fost ir-regolamenti mposti fuq is-socjeta` attrici mill-Awtorita` sucitata l-istess Awtorita` ghandha tikkontrolla b’mod assolut l-operat tas-socjeta` attrici kif hawn fuq deskritt u dana billi l-istess Awtorita` timponi regolamenti u obbligi fuq is-socjeta` attrici b’tali mod li hija soggetta direttament ghal dawn id-direttivi u regolamenti kif imposti mill-istess Awtorita` tant illi kull ftehim li jigi ffirmat bejn is-socjeta` attrici u l-klijenti ta’ *remote gaming* taghha jrid jigi soggettat ghall-a priori approvazzjoni tal-Awtorita`;

---

[1] Fic-citazzjoni originali – fol. 1 tergo – dan il-paragrafu hu ripetut.

“Peress illi tezisti in oltre formola, ossia *Service Provider Form,* li kull socjeta` ta’ *remote gaming* trid bilfors tissottometti lill-Awtorita` flimkien ma’ l-applikazzjoni taghha ghall-lincenzjar liema formola timponi illi kull ftehim li jkollha ma’ *service provider* trid tinkludi klawsola ossia kundizzjoni fejn l-istess *service provider* jintrabat illi ma jkunx jista’ jittermina l-*connectivity* jekk mhux fuq istruzzjonijiet specifici ta’ l-istess Awtorita`;

“Peress illi s-socjeta` attrici taghmel referenza ukoll ghar-Regolamenti dwar *Remote Gaming* (LN 176/2004) li f’Taqsima 5 u 6 jirregolaw l-approvazzjoni tal-*control system* u *gaming system* liema sistemi wara illi jigu approvati mill-Awtorita` ma jistghux jigu mmanipulati b’ebda mod salv bl-approvazzjoni ta’ l-istess Awtorita`;

“Peress illi f’kaz ta’ manipulazzjoni jew ksur iehor ta’ dawn ir-Regolamenti minn kwalsiasi persuna l-istess regolamenti jipprovdu ghall-impozizzjoni ta’ penali;

“Peress illi l-Awtorita` tikkonsidra lis-socjeta` attrici, qua *service provider,* bhala *lungo mano* ta’ kull klijent taghha li tkun otteniet licenzja sabiex topera f’Malta taht l-Att dwar il-Lotteriji u Loghob Iehor u ghaldaqstant hija obbligata u marbuta li tosserva l-imsemmija regolamenti;

“Peress illi permezz t’ittra legali datata 18 ta’ Awwissu 2005 mibghuta ghan-nom tas-socjeta` konvenuta Pari Mutuel Urban (PMU) l-esponenti:

“1. giet informata illi s-socjeta` *Zeturf Ltd.,* klijenti tas-socjeta` attrici qed topera u toffri servizzi fi Franza bi ksur tal-Ligi Franciza u dan abbazi ta’ sentenza tal-Qorti Franciza u ghalhekk l-istess esponenti allegatament giet impoggija f’dolo *ai termini* tal-Ligi dwar il-Kummerc Elettroniku (Kap 426) u d-direttiva relattiva numru 2000/31/EC;

“2. giet interpellata ghalhekk sabiex tiddesisti minnufih milli tkompli tipprovdi servizzi lil klijent taghha u cioe’ *Zeturf Ltd* u dana allegatament a bazi ta’ l-istess Ligi Dwar il-Kummerc Elettroniku;

“3. giet interpellata sabiex thassar kull informazzjoni u/jew data dwar Laghba Franciza tas-socjeta` *Zeturf Ltd.*

“4. giet mgharfa illi fin-nuqqas milli taghmel kif sucitat tkun responsabbli ghad-danni u/jew penali taht l-istess Ligi.

“Peress illi sussegwentement ghar-risposta permezz t’ittra legali tas-26 ta’ Awwissu 2005 tas-socjeta` attrici l-istess socjeta` giet infurmata illi s-socjeta` konvenuta PMU ghamlet rapport formali lill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Loghob;

“Peress illi s-socjeta` attrici tissottometti illi t-talba ta’ l-istess socjeta` konvenuta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u minghajr pregudizzju ghal premess, ma tistax tigi akkolta billi s-socjeta` esponenti hija espressament eskluza milli twaqqaf is-servizzi li tipprovdi liema poter jappartjeni eskluzivament lill-Awtorita`;

“Peress illi in oltre f’kaz illi twaqqaf is-servizz jew b’xi mod iehor timmanipula l-informazzjoni u/jew data tas-socjeta` klijenta taghha kif interpellata tkun qed kemm tikser ir-regolamenti sucitati u tesponi ruhha ghall-penalitajiet *ai termini* ta’ l-istess regolamenti kif ukoll tkun qed tikser l-obbligi kontrattwali taghha lejn il-klijent u l-Awtorita` u tesponi ruhha ghad-danni ngenti;

“Peress illi nonostante l-ittra taghha tad-29 t’Awwissu 2005 li permezz taghha s-socjeta` attrici spjegat il-pozizzjoni taghha lis-socjeta` konvenuta, l-istess socjeta` konvenuta regghet ghamlet l-istess rikjesti taghha mill-gdid u dan permezz t’ittra legali ohra tal-5 ta’ Settembru 2005 mibghuta b’*fax;*

“Ghaldaqstant tghid is-socjeta` konvenuta ghalfejn m’ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:

“1. tiddeciedi u tiddikjara illi l-operat tas-socjeta` attrici hija legali u pjenanament konformi ma’ kull ligi applikabbli u relatati ma’ l-operat taghha;

“2. tiddeciedi u tiddikjara illi konsegwentement is-socjeta` attrici m’hija responsabbli ghal ebda danni *ai termini* ta’ l-istess ligijiet;

“3. tiddeciedi u tiddikjara illi l-interpellazzjoni ossia talba maghmula mill-istess socjeta` konvenuta hija illegali, abbuziva u addirittura vessatorja fil-konfront tas-socjeta` attrici;

“4. tordna lis-socjeta` konvenuta tiddesisti minnufih mill-agir illegali, abbuziv u vessatorju taghha;

“5. tordna u tinnibixxi b’mod definittiv l-istess socjeta` konvenuta milli tivvanta kwalunkwe pretenzjoni jew dritt li twaqqaf lis-socjeta` attrici mill-operat u servizzi taghha.

“Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Avukat Dottor Joseph Caruana Scicluna bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera GIE Pari Mutuel Urbain (erronjament indikata fl-okkju tal-kawza bhala Pari Mutuel Urban (PMU)) li in forza taghha eccepixxa illi:
“1. In linea preliminari, illi din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni ta’ din il-kawza, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

“Illi l-eccezzjonijiet illi jsegwu ser jinghataw subordinatament u minghajr pregudizzju ghal din l-eccezzjoni preliminari.

“2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju jinhtieg li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn jirrikorri sabiex l-isem ‘Pari Mutuel Urban PMU’ jigi sostitwit bl-isem korrett tas-socjeta` konvenuta li huwa ‘GIE Pari Mutuel Urbain’.

“3. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, is-socjeta` attrici qed tagixxi kontra d-dispozizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettronici

(Kap 426 tal-Ligijiet ta' Malta), u ghalhekk agixxiet illegalment u abbuzivament, kif jigi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza.

"4. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, l-ewwel talba u t-tieni talba fic-citazzjoni huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jiigu michuda bl-ispejjez peress illi la gie ppruvat illi s-socjeta` *Zeturf Limited* hija licenzjata f'Malta biex tipprovdi servizzi ta' *remote gaming'* u lanqas ma gie ppruvat illi s-socjeta` attrici hija licenzjata f'Malta biex taghti s-servizzi deskritti fic-citazzjoni lill-istess Zeturf Limited. Ghalhekk is-socjeta` attrici (bhala *'lunga mano'* ta' Zeturf Limited – kif is-socjeta` attrici tiddeskrivi ruhha fir-relazzjoni taghha ma' Zeturf Limited fic-citazzjoni) m'hijiex intitolata li toffri dawn is-servizzi skond il-Ligi Maltija. Anke jekk jirrizulta li huma fil-fatt hekk licenzjati, dan ma jfissirx li huma ntitolati li joffru dawn is-servizzi fi Franza kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"5. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, l-ewwel u tieni talba fic-citazzjoni huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda anke ghaliex l-agir tas-socjeta` attrici (bhala *'lunga mano'* ta' Zeturf Limited*)* jikkostitwixxi agir illegali a bazi tal-fatt illi tali agir ikkostitwixxa wkoll vjolazzjoni tal-ligi Franciza, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

"6. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju t-tielet u raba' talba fic-citazzjoni huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-agir tas-socjeta` konvenuta la huwa illegali, la huwa abbuziv u wisq anqas vessatorju. Anzi hija s-socjeta` attrici (bhala '*lunga mano'* ta' Zeturf Limited*)* li qed tagixxi b'mod illegali u abbuziv kif fuq spjegat u kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"7. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, il-hames talba fic-citazzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda peress illi s-socjeta` konvenuta ma tistax tigi inibita milli tavvanza pretenzjonijiet jew drittijiet legittimi taghha, u dana anki in vista tal-fatt illi s-socjeta` attrici (anki bhala '*lunga mano'* ta' Zeturf Ltd*)* qed tagixxi

b'mod illegali u abbuziv fil-konfront tas-socjeta` konvenuta.

"8. Salvi eccezzjonijiet ohra.

"Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici."

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju, 2007, li in forza taghha laqghet l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta dwar il-gurisdizzjoni tal-Qorti, u lliberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez ghas-socjeta` attrici. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"**Applikabilita` tar-Regolament 44/2001**

"In linea preliminari l-konvenuti qed jeccepixxu li din il-Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza billi s-socjeta` konvenuta ma hiex Maltija u lanqas ma hija domiciljata hawn Malta.

"L-atturi jaqblu li s-socjeta` konvenuta la hija residenti u lanqas hija domiciljata f'Malta, izda jsostnu li dina l-Qorti ghandha gurisdizzjoni specjali a bazi tal-Council Regulation (EC) No 44/2001.

"Fil-fatt il-partijiet qed jaqblu li f'dana l-kaz japplika r-Regolament 44/2001 li ghandu effett dirett f'Malta bhala ligi kommunitarja. Infatti skond l-Art 3 tal-Kap 460 tal-Ligijiet ta' Malta, mill-ewwel ta' Mejju 2004, it-Trattat u atti ezistenti u futuri adottati mill-Unjoni Ewropea ghandhom jorbtu lil Malta u ghandhom ikunu parti mil-ligi domestika taghha taht il-kondizzjonijiet stipulati fit-Trattat.

"Il-konvenuti jsostnu li f'dan il-kaz ghandu japplika l-artikolu 2 tar-Regolament li jghid li "*Subject to this Regulation, persons domiciled in a Member State shall, whatever their nationality, be sued in the courts of that Member State*" u dana fuq il-principju li *"jurisdiction is generally based on the defendant's domicile."*

"L-atturi invece jirritjenu li f'dan il-kaz tapplika l-gurisdizzjoni specjali taht l-artikolu 5(3) ta' l-istess Regolament, fejn "*a person domiciled in a Member State may, be sued in another Member State…. in matters relating to tort, delict, or quasi delict, in the Courts for the place where the harmful event occurred or may occur.*"

"F'dan l-istadju l-Qorti tirrileva li s-socjeta` attrici ma tistax fl-istess waqt tghid li tapplika li *special jurisdiction* bir-regolament 44/2001 imbaghad tibbaza parti mir-ragunament taghha biex issostni t-talba taghha, billi tibbaza ruhha fuq il-ligi ordinarja taht il-Kodici ta' Procedura u tikkwota gurisprudenza tal-Qrati Maltin meta fil-fatt dawn ma japplikawx. L-istess Kodici ta' Procedura Kap 12, fl-artikolu 742(6) jiddisponi li "Meta disposizzjoni ssir taht xi ligi ohra jew f'xi Regolament ta' l-Unjoni Ewropea fejn tintghamel disposizzjoni differenti minn dik li tinsab f'dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw dwar l-affarijiet li jaqghu taht dik id-disposizzjoni l-ohra u ghandhom biss japplikaw ghal affarijiet li dwarhom dik id-disposizzjoni l-ohra ma tapplikax". Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi trid issir referenza ghall-gurisprudenza tal- ECJ.

"Lanqas ma tistax is-socjeta` attrici thallat kuncett bhal l-applikabilita' tal-ligi maltija ghal kaz in ezami u l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni, liema kuncetti huma separati u distinti.

"**Gurisdizzjoni Specjali**

"Kif gja nghad il-gurisdizzjoni hija determinata mid-domicilju tal-konvenut u dana ghandu jigi mfittex fl-stat fejn hu hekk domiciljat. Izda r-regolament 44/2001 imsemmi jipprovvdi wkoll ghal possibilita' li tali persuna tigi mfittxa fi stat iehor, f'certi kazi specifici, bhal kazijiet, fost ohrajn, ta' materja rigwardanti "*contractual obbligation*" u fil-kaz ta' "tort, delict or quasi delict".

"L-artikolu 5(1) tar-Regolament 44/2001 jirregola gurisdizzjoni specjali fir-rigward ta' materja relatata ma' kuntratt filwaqt li l-artikolu 5(3) jistabilixxi r-regola ta'

gurisdizzjoni specjali fir-rigward ta’ materja relatata ma tort, delitt jew kwazi delitt.

“Il-partijiet jaqblu li l-artikolu 5(1) tar-Regolament 44/2001 ma japplikax billi ma tezisti ebda relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet. Il-Qorti, pero` taqbel mal-konvenuti li s-semplici fatt li ma jezisti ebda kuntratt bejn il-partijiet, ma jfissirx li allura japplika awtomatikament l-artikolu 5(3) li fuqu l-atturi qed jibbazzaw l-azzjoni taghhom. L-ECJ ma tinterpretax dan l-artikolu b’mod daqshekk wiesgha. Irid jigi pruvat li dan is-subartikolu japplika wkoll.

“Il-konvenuti jikkontendu li dana s-subartikolu ma japplikax imma japplika l-artikolu 2(1) kif gja msemmi u ghalhekk il-Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni billi s-socjeta` konvenuta hija domiciljata fi Franza.

“L-artkolu 5 jiprovvdi li “*A person domiciled in a Member State may, in another Member State, be sued in matters relating to tort, delict or quasi delict, in the courts for the place where the harmful event occurred or may occur*”.

“Il-partijiet jaqblu li biex japplika dana l-artikolu jridu jigu sodisfatti zewg kondizzjonijiet: cjoe li l-kaz irid jkun relatat ma’ (1) tort, delict or quasi delict; u (2) *place where harmful event occurred*.

“Il-Qorti trid tezamina jekk fil-kaz in ezami jezistux dawn iz-zewg kondizzjonijiet imposti mir-Regolament sabiex japplika l-artikolu 5(3).

”**Sottomissjonijiet ta’ l-atturi dwar l-artikolu 5(3)**

”L-atturi jissottomettu li jezistu z-zewg elementi rikjesti ghall applikazzjoni ta’ l-artikolu 5(3) u l-gurisdizzjoni tal-Qrati ta’ Malta hija stabbilita a bazi ta’ l-stess. It-talba taghhom hija bbazata fuq il-fatt li azzjonijiet u theddid tas-socjeta` konvenuta huma abbuzivi u llegali u ghalhekk dina ghandha tieqaf mill-agir taghha. Inoltre skond l-atturi Malta hu l-pajjiz fejn jista jinghad li “*the harmful event occurred or may occur*” u dana billi s-socjeta` attrici ghandha sede f’ Malta, taghti s-servizzi f’ Malta, u l-

kljentela taghha hija esklussivament Maltija u jekk is-socjeta` konvenuta jirnexxilha fit-theddid taghha tkun qed twaqqaf attivita' kummercjali Maltija, ggieghla ssofri danni finanzjarji kbar u ggieghlha tikser il-ligi ta' Malta billi tkun qed tonqos mill-obbligi kontrattwali taghha lejn il-kljenti taghha u l-Awtorita`.

"**<u>Sottomissjonijiet tal-konvenuti</u>**

"Il-konvenuti jissottomettu li l-artikolu 5(3) ma japplika ghal kaz de quo billi l-vertenza m'hiex *a matter relating to tort, delict, or quasi delict* billi l-atturi mhumiex qed jitolbu li l-Qorti tiddetermina "*the liability of the defendant company*" a termini ta' l-artikolu 5(3) u lanqas ma qed titlob li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas xi danni. Inoltre anke jekk ghal grazzja tal-argument kellu jigi deciz li l-kaz jirrigwarda *tort, delict* jew *quasi delict*, it-tieni kriterju dwar l-event dannuz ma jissussistiex billi dan ma sehhx f'Malta u m'ghandux potenzjal li jsehh f'Malta izda sehh fi Franza.

"**Tikkunsdira**

"Bhala l-ewwel principju generali ta' interpretazzjoni hemm id-duttrina tal- *actor sequitur*. Fil-fatt gie stabilit fil-kaz *Kalfelis v.* Schröder li *"all exceptions to the rule that the defendant must be sued in the state of his domicile are to be construed narrowly".*

"Ghalhekk isegwi li "*all of the other jurisdictional rules of the Regulation – for example, the special jurisdictions of Article 5 or the excusive jurisdictions of Article 22 are to be interpreted narrowly so as to preserve the general right of the defendant to be sued at home"*.

"L-artikolu 5(3) jipprovvdi *an optional special jurisdiction in matters relating to tort, delict or quasi delici*t, kif wkoll jipprovvdi li f'dawn il-materji persuna tista tfittex "*in the courts for the place where the harmful event occurred or may occur".* Izda din il-gurisdizzjoni hija limitata ghal kazijiet specifici biss u trid tinghata nterpretazzjoni stretta.

"Ir-Regolament 44/2001 ma jipprovvdi ebda definizzjoni ta' x'inhu tort, delict or quasi delict ghalhekk il-Qorti trid tirreferi ghall gurisprudenza tal-ECJ. Skond din il-gurisprudenza gew stabbiliti zewg principji sabiex jigi determinat jekk kawza partikolari tirrelatax dwar materja ta' tort, delitt jew kwazi-delitt: (1) li tort hu kuncett awtonomu (ara kaz Peters 34/82) u li jrid jigi nterpretat principalment b'referenza ghall li l- *objectives of the Regulation in order to ensure that the latter is given full effect;* u (2) li din tkopri kull azzjoni intiza biex tistabilixxi r-responsabbilita` ta' konvenut ghal dak li mhuwx relatat ma' kuntratt skond is-sinifikat ta' l-artikolu 5(1).)(Ara kaz Kalfelis 189/87 para 17).

"Dan l-ahhar principju setgha jwassal ghall interpretazzjoni wiesgha hafna fis-sens li jfisser li kull azzjoni civili li mhiex kontrattwali, allura taqa' taht l-artikolu 5(3) izda sentenzi sussegwenti llimitaw dina l-interpretazzjoni ghall kazijiet li jinvolu "tort" fis-sens tradizzjonali. (Ara Reichert 11 C.261/90). Fil-kaz ta' Briggs & Rees l-ECJ iddecidiet li Article 5(3) *would only apply where the action was directed towards the payment of compensation for wrongdoing.* Izda f'decizjoni sussegwenti l-Qorti ddecidiet ukoll li anke fil-kaz fejn kellu jigi determinat *"the undermining of legal stability by the use of unfair terms",* dan kien jaqa taht l-artikolu 5(3).

"Illi meta dina l-Qorti ezaminat it-talbiet tas-socjeta` attrici fic-citazzjoni sabet li l-atturi qed jitolbu minnha dikjarazzjonijiet ta' responsabbilita` mhux fil-konfront tal-konvenuti imma dikjarazzjonijiet favur l-atturi li huma mxewx skond il-ligi; jew li huma m'humiex responsabbili ghal danni; jew dikjarazzjoni li t-talba tal-konvenuti hija illegali u biex jigu ordnati biex jiddesistu mill-agir taghhom. Imkien ma hemm talba biex il-konvenuti jaghmlu tajjeb ghal hsara jew danni allegatament kawzati jew li tigi stabbilita r-responsabbilita` tal-konvenuti skond l-artikolu 5(3). Ghalhekk l-ewwel rekwizit ma jirrizultax.

"Kwantu ghat-tieni rekwiziti l-artikolu 5(3) jitkellem dwar "*the place where the harmful event occurred or may occur*". F'kazijiet bhal dawn irid ikun hemm *a close*

*connecting factor between the matter and courts other than those of the State of the defendant's domicle.*

"Is-socjeta` attrici tikkontendi li hija ghandha sede Malta, taghti s-servizzi taghha f'Malta, bi kljentela esklussivament Maltija u jekk is-socjeta` konvenuta jirnexxilha fit-theddid taghha tkun qed twaqqaf attivita kummercjali Maltija, u ssofri danni finanzjarji u tkun mghieghla tikser il-ligi ta' Malta u tonqos mill-obbligi taghha kontrattwali taghha.

"Min-naha l-ohra l-konvenuti jghidu li s-socjeta` attrici qed tagixxi bhala *Internet service provider* ghas-socjeta` Zeturf Ltd li permezz tas-sit taghha ta' *internet* qed tipprovvdi *online horse race betting* lir-residenti Francizi fi Franza u s-socjeta` attrici hija l-*lunga mano* ta' Zeturf Ltd u b'hekk huma qeghdin jiksru kemm id-drittijiet tas-socjeta` konvenuta kif ukoll il-ligi Franciza u qed jikkommettu reati kriminali. Ghalhekk, skond il-konvenuti, kwalwunke danni li jistghu jirrizultaw, jirrigwardaw operazzjonijiet go Franza, ghal recipjenti ta' servizzi fi Franza, u ghalhekk il-post fejn ikunu sofrew id-danni se jkunu fi Franza.

"Il-Qorti wara li kkunsidrat il-provi prodotti tasal biex tikkonkludi li fil-fatt l-event dannuz principalment qed jigri fi Franza. Jirrizulta li mhux minnu li l- kljentela tas-socjeta` attrici hija esklussivament Maltija kif gie allegat. Anzi jirrizulta li parti mis-servizz offrut mill-atturi hu indirizzat "*for a French audience, concerning games on French horse races, written in the French Language*" (ara fol 29).

"Kwantu ghall-ilment ta' l-atturi li huma se jsofru telf finanzjarju jekk il-konvenuti jibqghu jinsistu fuq it-talba taghhom. Il-Qorti taghmel referenza ghall-kaz Bier BV vs Mines de Optase gie deciz li "*if places are different, the place where harmful event occurred must be understood as being entended to cover both the place where the damage occurred and the place of the event giving rise to it"* indipendentement fejn qed jinhass jew jista' jinhass it-telf finanzjarju. (ara kaz Marinari C 364/93 u Kronhofer 168/02).

“Inoltre jigi notat ukoll li jirrizulta mill-provi li qabel ma s-socjeta` attrici pprezentat dina l-kawza f’Settembru 2005, diga fit-8 ta’ Lulju 2005 kien hemm *interim order* mill-Qorti fi Franza kontra s-socjeta` attrici minhabba l-allegat agir illegali taghha, li hu l-mertu ta’ dina l-kawza, bejn l-istess partijiet.

“Regola ewlenija ta’ interpretazzjoni hija skond il-gurisprudenza tal ECJ li *any interpretation which tends to result in parallel proceedings or to increase the risk of irreconcilable judgments will not be favoured.* (Ara Case C-351/89, *Overseas Union Insurance* [1991] ECR I-3317, paras. 15 –16; also Case 144/86, *Gubisch* [1987] ECR 4861, para. 8.) u stat m’ghandux jinterpreta r-Regolament b’mod li jippermettilu *to ignore, or interfere with, the jurisdiction of another Member State court* u fl-istess hin jinterpreta r-Regolament b’mod li ma jintlahqux il-miri ta’ l-istess Regolament.

“Illi fid-dawl ta’ dana u n-vista tal-fatt li r-rekwiziti taht l-artikolu 5(3) tar-Regolament 44/2001 ma jissussistux, il-Qorti tiddeciedi li ghandha tilqa’ l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti u tiddikjara li m’ghandhiex gurisdizzjoni li tisma’ dan il-kaz.”

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici, prezentat fid-19 ta’ Gunju 2007, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza premessa billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, tiddikjara l-kompetenza tal-Qrati Maltin u b’hekk tirrinvija l-kawza biex tigi deciza fil-meritu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` konvenuta;

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta’ Gunju 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici li hija nkorporata taht il-ligi Maltija, qed tallega li l-ittra lilha mibghuta mis-socjeta` konvenuta fejn qed jinghad li hi ma tistax toffri servizzi ta' *gaming* fi Franza, hija vessatorja u abbuziva peress li hi munita bil-licenzja necessarja biex twettaq l-operat taghha. Is-socjeta` estera eccepiet fl-ewwel lok in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin li jiehdu konjizzjoni ta' din il-kawza. L-ewwel Qorti, fit-trattazzjoni taghha ta' din il-kwistjoni, osservat li l-partijiet kienu qed jaqblu li s-socjeta` konvenuta la hija residenti u lanqas hija domiciljata f'Malta, u li l-Qorti trid tezamina l-gurisdizzjoni taghha fil-kuntest tal-Council Regulation (EC) numru 44/2001 tal-Unjoni Ewropea. Gie osservat ukoll li filwaqt li kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-Artikolu 5(1) tar-Regolament, li jirregola gurisdizzjoni specjali fir-rigward ta' materja relatata ma' kuntratt, ma japplikax peress li ma tezisti ebda relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet, is-socjeta` attrici ssostni l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin skond l-Artikolu 5(3) tar-Regolament, li jistabbilixxi regola ta' gurisdizzjoni specjali fir-rigward ta' materja relatata ma' delitt jew kwazi delitt.

L-ewwel Qorti sabet li lanqas dan l-Artikolu 5(3) ma hu applikabbli peress li l-materja mhix wahda ta' delitt jew kwazi delitt, u lanqas ma rrizulta li l-"harmful event" sehh f'Malta, kif irid dan l-artikolu biex tigi radikata l-gurisdizzjoni specjali tal-Qrati Maltin.

Is-socjeta` attrici appellat u tissottometti li l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (kwotat mill-ewwel Qorti) ghandu jitqies japplika ghall-kaz in ezami.

Trattat dan l-aggravju, din il-Qorti tara li ghandha taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti izda fuq il-fatt biss li l-materja in kwistjoni mhix wahda ta' delitt jew kwazi delitt. Dwar fejn sehh l-allegat "harmful event", ma taqbilx li, ghax dan sehh principalment fi Franza, allura hi eskluza *a priori* l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, fejn l-att allegatament

dannuz gie indirizzat. Fil-ktieb "Conflict of Laws in the European Community" ta' D. Lasok u P.A. Stone (Professional Books Ltd., Ediz 1987, pagna 230) intqal hekk fuq il-kwistjoni ta' fejn ghandu jitqies li sehh il-"harmful event".

"The competence of the courts of the place where the alleged tort on which the action is based occurred has long been recognized in many countries, and it is not surprising that it should have been incorporated in Title II of the 1968 Convention. Unfortunately, however, the formula adopted, viz. "harmful event" or, in French, "fait dommageable", deliberately left open the question whether the reference is to the place where the defendant committed the allegedly tortious conduct or the place where the plaintiff sustained injury as a result of such conduct. This ambiguity has subsequently been resolved by the decision of the European Court in *G.J. Bier B.V. and Reinwater Foundation v. Mines de Potasse d'Alsace S.A.,* where a Dutch horticulturalist and a Dutch environmentalist foundation brought an action in a Dutch court against a French mining company, claiming damages for the discharge of saline waste into the Rhine by the defendant in France, which caused damage to the plaintiff-horticulturalist's plantations in the Netherlands and necessitated expensive remedial measures. On a referenece by the Hague Court of Appeal, the European Court reasoned that both the place of conduct and the place of injury could constitute a significant and useful connection with regard to jurisdiction, evidence and procedure. Moreover, the place of conduct would often coincide with the defendant's domicile, but where this was not so, it would be a useful jurisdictional base; and in the various national laws of jurisdiction a place was found for both the place of conduct and the place of injury. Hence, by way of a systematic unification of existing solutions, the Court ruled that, where the place of the allegedly wrongful conduct and the place of the resulting injury are not identical, Article 5(3) must be construed as referring to both places, so as to give the plaintiff the option of suing at either of them."

Ma jistax jinghad, kwindi, li kif sehhew l-affarijiet f'dan il-kaz, il-Qrati Maltin ma jistax ikollhom gurisdizzjoni taht l-Artikolu 5(3) tar-Regolament invokat.

F'kull kaz, pero`, l-att impunjat irid ikollu n-natura ta' delitt jew kwazi delitt, u hawn din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti fis-sens li l-agir lamentat ma kien xejn hlief ezercizzju mis-socjeta` konvenuta tad-drittijiet legittimi taghha. L-agir lamentat jikkonsisti f'ittra legali datata 6 ta' Awwissu 2005, fejn is-socjeta` attrici giet infurmata illi jekk hija ma kenitx ser tieqaf tipprovdi servizzi lis-socjeta` Zeturf Ltd., kienu se jinbdew kontriha proceduri fi Franza. Kif intqal f'kuntest iehor, "*la minaccia di venire alle vie legali*", m'hijiex theddida u bl-ebda mod ma tinficja fuq il-kunsens ta' dak li jkun (Vol. XXVIII.III.879). Ma jistax jinghad, allura, li l-agir lamentat jista' jitqies li jikkostitwixxi xi delitt. Tali agir da parti tas-socjeta` konvenuta zgur li ma jammontax ghal "*the undermining of legal stability*" bhalma kien hemm fic-cirkustanzi ta' **Verein fur Konsumenteninformation v. Karl Heinz Henkel**, deciza mill-Qorti Ewropea fl-1 ta' Ottubru 2002 u li ghaliha ghamlet ampia referenza s-socjeta` attrici appellanti. F'dan l-ahhar kaz il-"harmful event" kien jikkonsisti fl-uzu mill-konvenut ta' "unfair terms" fil-kuntratti li huwa kien jikkonkludi ma' konsumaturi li kienu jgawdu l-protezzjoni tal-assocjazzjoni *Verein fur Konsumenteninformation.* Tali agir bla ebda dubju jista' jitqies bhala agir li jikkontribwixxi ghal "*the undermining of legal stability*" – izda b'ebda mod ma jista' jitqies fuq l-istess livell ta' agir fejn wiehed jezercita d-drittijiet legittimi tieghu skond il-ligi! Hawn mhux kaz fejn il-konvenut qed jigi mitlub jaghmel tajjeb ghal hsara li bl-ghemil tieghu kkaguna lill-attur, u kwindi l-Artikolu 5(3) tar-Regolament invokat ma jistax jitqies applikabbli ghall-kaz.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` attrici, billi tichad l-istess u, ghalkemm mhux ghar-ragunijiet kollha moghtija mill-ewwel Qorti, tikkonferma s-sentenza tal-prim istanza.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------